# Pjan ta’ Ħidma għal tliet snin

## 1 ta’ Jannar 2020

## Sal-

## 31 ta’ Diċembru, 2022

# Kontenut

**1.0 Daħla**

**2.0 Dikjarazzjoni tal-Misjoni u Valuri**

**3.0 Oġġettivi, Riżultati Mistennija u Strateġiji**

**4.0 Strateġiji**

**5.0 Organizzazzjoni**

**1.0** Daħla u Analiżi

---

Għal darba oħra l-Kunsill ta’ Ħal Safi qiegħed jippreżenta Pjan ta’ Ħidma għal tlett snin li ġejjin. Il-Kunsill ma jistax ma jurix is-sodisfazzjon tiegħu wara sena oħra ta’ ħidma.

F’dawn l-aħħar tnax-il xahar il-Kunsill kompla bil-missjoni tiegħu sabiex jirċievi servizzi li joffru valur għall-flus xieraq. Il-Kunsill għal darba oħra qeda l-funzjonijiet primarji tiegħu li huma marbuta ma’ l-indafa.

Il-Kunsill ma qagħadx lura fi proġetti li ser iservu lill-Kunsill fis-snin li ġejjin. Din is-sena l-Kunsill għandu f’moħħu illi jlesti l-proġett li bdejna s-sena l-oħra dak tat-tisbiħ tal-Ġnien Sir Aledander Ball li ser ikun jiswa’ mal-€150,000 li minnhom ser inkunu qiegħdin nircievu s-somma ta’ €57,034 biss bħala fondi mill-Unjoni Ewropeja. Proġetti oħra għas-snin li ġejjin huma l-bini mill-ġdid u restawr ta’ ħitan tas-sejjieħ, jinbidel il-wiċċ sintetiku kif ukoll ix-xibka tal-grawnd, tisbiħ tar-roundabout li għandna fid-daħla tar-raħal, ġibjun taħt l-istess roundabout sabiex inkunu nistgħu nagħmlu s-sistema ta’ dripp irrigation, studju u traffic managment scheme ġdida sabiex naraw kif nistgħu nnaqsu l-karozzi mill-pjazza tar-raħal. Permezz ta’ proġett sabiex isir promozzjoni tal-Kuntura l-Kunsill ser ikun qiegħed ukoll jagħmel żvilupp għal Mobile App, xiri ta’ USB’s u stampar ta’ booklet fuq l-istorja ta’ Ħal Safi.

Bil-miġja tal-pandemija ta’ Covid-19 il-Kunsill ser jibqa’ jara illi lir-residenti speċjalment dawk vulnerabbli nibqgħu ntuhom l-għajnuna tagħna fejn jidħlu servizzi u naraw illi ħadd ma jibqa’ barra.

Il-Kunsill ser ikun qed jimpenja ruħu sabiex darba fis-sena nagħmlu festa b’rabta mad-drawwiet u folklor u b’hekk inkunu qiegħdin nżidu n-namra għall-ħarsien tan-naħal u l-produzzjoni tal-għasel.

Għal darba oħra, l-ikbar sfida li għandu l-Kunsill għat-tlett snin li ġejjiin hija propjament li jikseb il-fondi sabiex dan il-pjan ta’ ħidma ikun attwat mhux biss propost. Il-Kunsill deċiż li fis-snin li ġejjin iżomm l-ispiża baxxa kemm jista’ jkun u jżomm bilanċ xieraq minn kull sena, sabiex ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati dawn il-proġetti. Bħalma l-Kunsill irnexxielu b’għaqal jiffinanzja sabiex isir tisbiħ tal-bandli u l-asfalt mil-ġdid ta’ Triq San Tumas żgur li l-istess għaqal ser iservi sabiex ikunu iffinanzjati dawn il-proġetti.

Jien ninsab ċert li l-Kunsill li ser isaħħaħ dawn il-proposti għax verament jilħqu kull qasam fil-ħajja tar-raħal u b’hekk Ħal Safi jieħu dak li verament jixtraqlu.

Johan Mula
Sindku

## 2.1 Dikjarazzjoni tal-Missjoni

Fit-tħejjija ta' dan il-Pjan ta' Ħidma l-Kunsill żamm quddiem għajnejh li l-proġetti li jfassal ikunu jolqtu b'mod pożittiv mhux biss ir-residenti, iżda wkoll l-ambjent li jdawwar ir-raħal. Il-Kunsill kien determinat li l-proġetti jkunu mfassla sabiex jappellaw għal kull ġenerazzjoni, mit-tfal sax-xjuħ, u għalhekk tikber l-importanza tal-Kunsll u tar-raħal. Il-Kunsill jemmen li r-residenti huma l-aqwa riżors li għandu l-Kunsill, kif ukoll l-inqas li jiswa. Bħala mira ewlenija il-Kunsill qed ipoġġi fuq quddiem l-informatika.

## 2.2 Valuri

- Lil nkomplu noffru benefiċċju lill-komunita' kollha sabiex nirrispettaw il-bżonnijiet ta' individwi, gruppi jew oqsma differenti.
- Rispett lejn l-opinjoni pubblika u d-diskussjoni kontra konfrontazzjoni
- Rispett speċjali lejn l-ambjent u l-kultura tar-raħal flimkien mad-drawwiet u l-folklor
- Amministrazzjoni ġusta, trasparenti u kontabilita' f'kull xogħol tal-Kunsill
- Li kull proġett ikun imbuttat sabiex isisr bl-aħjar mod possibbli u l-aspettattivi jkunu għoljin.

# 3.0 Oġġettivi, Riżultati Mistennija u Strateġiji

---

**Oġġettivi** **Riżultati Mistennija**

| | |
|---|---|
| Li niżguraw li n-nefqa kurrenti tal-Kunsill tibqa' fil-limiti tad-dħul, u bl-ebda mod ma jitħalla jsir infiq bl-addoċċ u ħela ta' flus kemm fuq materjal kif ukoll fuq servizzi. | Nistennew iktar valur għall-flus fl-infiq li nagħmlu. Barra minnhekk ninsistu li l-allokazzjoni tikber sabiex tkun tirrifletti l-bżonnijiet tar-raħal. |
| Jitkompla u jitkattar is-servizz effiċjenti li jingħata mill-uffiċċju lir-residenti. Il-Kunsill ta' l-inqas darbtejn fil-ġimgħa jinfetaħ filgħaxija sabiex jaqdi aħjar il-ħtiġijiet tar-residenti. | Ir-residenti ikunu moqdija aħjar u l-ilmenti tagħhom ikunu solvuti b'iktar effiċjenza. Jitnaqqsu l-ilmenti mir-residenti dwar ħwejjeġ li l-Kunsill jista' jippjana minn qabel għalihom. |
| Titkompla l-ispinta lill-Edukazzjoni mhux biss dik tat-tfal iżda wkoll dik tal-kbar permezz ta' programmi u korsijiet dwar is-saħħa, is-sigurta' u l-informatika. | Ir-residenti ikunu iktar konxji tal-kapaċitajiet tagħhom kif ukoll ukunu mħarrġa f'diversi aspetti li jgħinuhom fil-ħajja ta' kuljum. |
| Il-qasam tal-kultura u ambjent ikunu studjati u jinħoloq programm sabiex ir-residenti jinvolvu ruħhom iktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-kultura u l-ambjent tal-lokal. | Ir-residenti jitkattar fihom l-element kulturali u ambjentali ji jissarraf f'iktar indafa fir-raħal kif ukoll inqas vandealiżmu. |
| L-impjegati tal-Kunsill jinżammu dejjem iktar aġġornati dwar il-proċeduri tal-Kunsilli kif ukoll dwar l-użu tas-Software' kif ukoll ta' appart ieħor tal-uffiċċju. L-Impjegati jkunu inkoraġġiti jsegwu korsijiet ta' taħriġ f'dixxiplini varji. | Toktor l-effiċjenza tal-Kunsill, kif ukoll ikunu evitati servizzi li normalment wieħed iħallas għalihom . |
| | |

| | |
|---|---|
| Jitkompla l-Programm eżistenti illi nirrifreskaw l-linji tat-toroq u zamma xierqa tat-tabelli li għandna madwar ir-raħal. | Permezz tal-linji u tabelli madwar ir-raħal jitnaqqas il-periklu mit-toroq tagħna. |
| Il-Kunsill joffri opportunitajiet lir-residenti sabiex jagħmlu użu mill-Informatika billi jingħata aċċess b'xejn għal Internet u inċentivi oħra. | Kulħadd jingħata l-opportunita sabiex ma jibqax eskluż mid-dinja tal-Informatika u tkun aktar aċċessibli għal-nies soċjalment żvantaġjati. |
| Tkun aġġornata l-web site dwar Ħal Safi u aċċess aktar faċli permezz ta' app ġdida. | L-informazzjoni tkun iktar aċċessibbli u għajnuna xierqa għal min ikollu bżonn u t-turisti li jżura r-raħal tagħna. |
| Jitkomplew bankini ġodda u ssir manutenzjoni fuq il-qodma. | It-toroq jibqgħu b'sigurta' sabiex ikunu evitati diżgrazzji. |
| Jinbidel il-wiċċ tal-grawnd sintetiku | Jitnaqqsu l-inċidenti żgħar u kbar fl-istess grawnd. Ikun offrut għaża ikbar fl-isport prattikat mir-esidenti. |
| Iċ-Ċentru tal-Kmunita' jibqa' jkun attrezzat mill-aħjar sabiex jintuża dejjem aktar b'attivitajiet varji | Il-Kunsill dejjem qed jwessa s-servizz li joffri billi wkoll joffri servizzi li jaqb'u l-aspettativi tal-klijenti/residenti. |
| Il-Kunsill jistħarreġ metodi ġodda u alternattivi oħra għall-immaniġġjar tat-traffiku fir-raħal bil-għan li dan jitnaqqas speċjalment mill-qalba tar-raħal. | Jitnaqqsu l-problemi ambjentali u inċidenti fil-qalba tar-raħal u jinħolqu iktar żoni pedonali. |
| Ta' kull sena l-Kunsill għandu jitfa' l-applikazzjoni sabiex siti ta' storja jiġu restawrati. | Permezz ta' din l-inizjattiva l-Kunsill diġa' rnexxielu jirrestawra ċ-Ċentru Parrokjali u issa bl-istess inizjattiva ser isir ir-restawr tal-Knisja ta' Santa Marija. Dawn il-binjiet kollha għandhom storja warajhom u għalhekk permezz ta' din l-inizjattiva ser tkompli titrawwem fil-poplu iktar kultura u għarfien tal-istorja tar-raħal. |

# 4.0 Strateġiji

Il-Kunsll jinsab deċiż li dan il-pjan ta' ħidma ikun varament jirrifletti dak ix-xogħol li ser iwettaq il-Kunsill. L-istrateġija li l-Kunsill beħsiebu jaddotta ser ikunu immirati sabiex jinħolqu opportunitajiet fejn dħul tal-Kunsill jikber u b'hekk ikun evitat li s-suċċess f'dan il-pjan ta' ħidma ikun mhedded.

L-istrateġiji mis-sena 2020 sa 2022 huma għalhekk:

Ma tinqabiżx l-ispiża kurrenti kif ivvutata fl-estimi sabiex nispiċċaw is-sena b'surplus u b'hekk inkunu nistgħu niffinanzjaw proġetti kapitali.

Ninkoraġġixxu lir-residenti jieħdu sehem fl-attivitajiet li l-Kunsill itella' b'mod volontarju sabiex b'hekk inkunu nistgħu nżidu aktar attivitajiet matul s-sena.

Naraw illi kull spiża u kull kont ikun verament valur għall-flus.

Tkun estiża l-iskema ta' Strategic Alliance ma Kunsill ġirien tagħna sabiex is-servizzi ikunu ta' kwalita' għolja imma bi prezz iktar baxx.

Ninkoraġġixxu l-għaqda fir-raħal, rispett u għanjuna volontarja.

Il-Kunsill ikun minn ta' quddiem li jipprovdi s-servizzi relatati mal-ħajja ta' kuljum u tkun infurzata is-sistema ta' One Stop Shop.

Ikun hemm użu aħjar tar-riżorsi umani offruti taħt l-iskema ta' l-IPSL u l-Community Workers Scheme.

Ikun irreklamat l-użu tal-grawnd tal-futboll sabiex jirrendi aktar.

# 5.0 Organizzazzjoni

L-istruttura ta’ l-organizzazzjoni qed tkun proposta sabiex taqdi l-ħtiġijiet li jitlob dan il-pjan ta’ ħidma imfassal sabiex jolqot kull aspett mill-ħajja tar-raħal kif ukoll jilħaq kull eta’ tar-residenti. Il-Kunsill adotta strateġija li kull kunsillier ikollu qasam li għalih ikun responsabbli sabiex ix-xogħol jinfirex u fl-istess ħin ikun hemm kontinwita’ fix-xogħol u fil-proġetti proposti.

Sindku u Kunsill

↓

| Sindku | Viċi Sindku | Kunsillier | Kunsillier | Kunsillier |
|---|---|---|---|---|
| Xogħolijiet, Proġetti, Edukazzjoni u Kultura, Fondi tal-Unjoni Ewropea | Ħarsien tal-Annimali, Saħħa, sigurta’ u Infrastruttura | Ġonna (tisbiħ) Agrikltura, Saħħa u Sigurta’ | Anzjani, Komunita’ Kummerċjali, Innovazzjoni, Traffiku u Trasport | Tfal u Żgħażagħ, Sport u attivitajiet Fiżiċi, Integrazzjoni Soċjali u Qasam Soċjali, Attivitajiet u Għaqdiet tal-Lokal |

↓

Segretarju Eżekuttiv

↓

Skrivani

Id-deċiżjonijiet finali irid dejjem ikollhom l-approvazzjoni tal-Kunsill, billi l-kunsilliera huma legalment responsabbli għal kull attivita’ li ssir mill-Kunsill.

L-iskrivana jew skrivani għandhom jipprovdu s-servizz tagħhom mhux biss lis-Sindku u lill-Kunsilliera. Ix-xogħol ta’ l-iskrviana għandu jkun imqassam u ppjanat mis-segretarju li min-naħa tiegħu iservi ta’ punt ta’ referfenza dwar proċeduri li għandom ikunu attwati. L-iskrivani huma wkoll impenjati sabiex jilqgħu l-ilmenti jew suġġerimenti tar-residenti u jgħadduhom lis-segretarju. L-iskrivani għandhom ukoll iservu sabiex il-pubbliku jkun moqdi tajjeb b’servizzi klerikali fejn ikum hemm bżonnn.